



HU
L-INIZJATTIVA
L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej
I-għodda tiegħek biex tissawwar il-politika Ewropea

SKEDA INFORMATTIVA MIT U REALTÀ

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi opportunità biex tinvolvi ruħek direttament fil-proċess demokratiku Ewropew, li jippermettilek li jkollok vuċi akbar fil-politiki tal-UE li jaffettwaw ħajtek.



MIT 01

Jekk m'hemmx leġiżlazzjoni, m'hemm ebda punt:

REALTÀ

1. Anki jekk inizjattiva ma tipproduċix leġiżlazzjoni, xorta tista' tqajjem għarfien u trawwem dibattitu dwar il-kwistjonijiet.
2. Dan jgħin biex jinbnew networks fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE.
3. Dan iqiegħed kwistjonijiet fuq ir-radar ta' dawk li jfasslu l-politika u jista' jirriżulta f'azzjonijiet ta' segwitu sinifikanti oħrajn.



MIT 02

Ir-rata ta' rifjut tar-reġistrazzjoni hi għolja ħafna

REALTÀ

1. 90% tal-inizjattivi proposti ġew irreġistrati mill-2015 'il hawn! U minn Jannar 2020, meta bdew japplikaw ir-regoli l-għodda, ma ġiet irrifjutata ebda inizjattiva¹.
2. Ir-reġistrazzjoni hi rifjutata biss jekk l-inizjattiva taqa' b'mod manifestat lil hinn mill-poteri tal-Kummissjoni jew hi abbużiva, frivola jew kontra l-valuri tal-UE.
3. Il-Kummissjoni tejbet l-appoġġ mogħti lill-organizzaturi permezz ta' servizz ta' konsulenza indipendenti ([ECI Forum](#)) u ppermettiet reġistrazzjoni parzjali tal-inizjattivi, fi sforz biex titnaqqas ir-rata ta' rifjut.

¹ status: Ottubru 2021



MIT 03

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi biss kliem fil-vojt min-naħa tal-Kummissjoni

REALTÀ

1. L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi waħda mill-għodod ewlenin għall-involvement taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea tieħu l-inizjattivi kollha li rnessew bis-serjetà u b'mod ċar tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-miżuri ta' segwitu.
2. Għal inizjattiva li tirnexxi, il-Kummissjoni:
 - torganizza laqgħa bejn l-organizzaturi u l-Kummissarji responsabbli,
 - tirroranġa flimkien dibattitu pubbliku mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-Parlament Ewropew,
 - taqbel u tippubblika tweġiba formali.
3. Bir-regoli l-għodda fis-seħħ mill-2020, hu aktar faċli li tuża l-għodda. Hemm ukoll aktar żmien għall-proċess ta' segwitu, sensibilizzazzjoni aktar sinifikanti u dibattitu pubbliku qabel ma l-Kummissjoni tadotta t-tweġiba tagħha.



MIT 04

Is-segwitu kien diżappuntanti għall-inizjattivi li laħqu l-appoġ meħtieġ:

REALTÀ

Wara l-inizjattiva **"End the Cage Age"**, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta, sa tmiem l-2023, proposta leġislattiva biex gradwalment telimina, u fl-aħħar mill-aħħar tipprojbixxi, l-użu ta' sistemi ta' gaġeġ għall-annimali kollha msemmija fl-inizjattiva.

Wara l-**"Inizjattiva Minority Safe Pack"**, il-Kummissjoni:

Ivvalutat li ttieħdet firxa wiesgħa ta' miżuri li jindirizzaw diversi aspetti tal-proposti tal-inizjattiva minn meta kienet oriġinarjament ippreżentata fl-2013. Filwaqt li ma kien propost ebda att legali ieħor, l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni u l-politiki diġà fis-seħħ jipprovdu munizzjon b'saħħtu biex jappoġġjaw l-għanijiet tal-inizjattiva.

L-inizjattiva **"Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent jiġu protetti mill-pestiċidi tossiċi"** irriżultat fi:

1. Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari. Ir-Regolament ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Ġunju 2019. Din il-leġislazzjoni l-ġdida daħlet fis-seħħ f'Marzu 2021.
2. Aktar awditi u involviment mal-Istati Membri mill-2017 'l hawn, biex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.
3. Indikaturi tar-riskju armonizzati, stabbiliti fid-[Direttiva tal-Kummissjoni 2019/782](#), fis-seħħ minn [Settembru 2019](#).

Wara l-inizjattiva **"Stop Vivisection"**, il-Kummissjoni:

1. Irrikonoxxiet il-ħtieġa li jitħaffef il-progress fil-qasam tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis u l-irfinar tal-użu tal-ittejtjar fuq l-annimali.
2. Impenjat ruħha li żżid l-appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni ta' approċċi alternattivi.

L-inizjattiva **"Right to Water"**:

1. Ħeġġet proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb biex ittejjeb l-aċċess għall-ilma u tiżgura aċċess għal gruppi vulnerabbli u emarġinati. Id-Direttiva riveduta daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2021.
2. Irriżultat f'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li jinżamm aċċess universali għall-ilma u s-sanità bħala wieħed mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti.
3. Ikkontribwixxiet għal referenza espliċita "għad-dritt għall-ilma" fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.



MIT 05

L-għodda hi kkomplikata u diffiċli wisq biex tintuża:

REALTÀ

1. Regoli ġodda, ibbażati fuq il-feedback mill-utenti, li qed japplikaw mill-2020 jagħmluha aktar faċli biex jiġu stabbiliti, irreġistrati, organizzati u appoġġati inizjattivi.
2. Bir-regoli l-ġodda, il-proċess ta' reġistrazzjoni tjiieb u qed jiġi offrut aktar appoġġ lill-organizzaturi permezz tal-[ECI Forum](#).
3. L-ammont ta' data personali meħtieġa biex tappoġġja inizjattiva tnaqqas u hi disponibbli [għall-organizzaturi](#) ddettaljata.
4. L-organizzaturi ma għandhomx bżonn jistabbilixxu l-għodda ta' ġbir online tagħhom stess, iżda jistgħu jużaw dik immaniġġjata mill-Kummissjoni, b'karatteristiċi ta' sigurtà għoljin ħafna. Il-Kummissjoni kontinwament ittejjeb il-faċilità tal-użu tagħha, inkluża l-aċċessibilità tajba permezz ta' apparati mobbli. Appoġġ permezz tal-eID hu permess ukoll skont ir-regoli l-ġodda.



MIT 06

Ħadd ma jaf dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:

REALTÀ

1. L-istħarriġ [Flash Eurobarometer 485](#) jindika li 3 ċittadini minn kull 4 (75%) huma konxji tad-dritt tagħhom li jipparteċipaw f'Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.
2. Kampanja ta' informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (#EUTakeTheInitiative), b'azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, għandha l-għan li tagħmel aktar ċittadini konxji tad-dritt tagħhom li jibdeu jew jappoġġjaw ECI.
3. Kulħadd għandu rwol x'jilgħab biex l-Inizjattiva tkun suċċess - għalhekk mexxi l-kelma!



UNJONI EWROPEA

Għal aktar informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, inkluża l-lista tal-inizjattivi li bħalissa miftuħin għall-appoġġ, żur: ec.europa.eu/citizens-initiative



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

#EUTakeTheInitiative